

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 637/08/COL

tat-8 ta' Ottubru 2008

li temenda, għas-sitta u sittin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-istatL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ⁽¹⁾,

Billi, fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾ adottat Komunikazzjoni li tirrigwarda estensjoni tal-Qafas dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għall-Bini tal-Vapuri ⁽⁶⁾ li estendiet il-validità ta' dawn il-linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2011,

Wara li kkunsidrat l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾, b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Billi din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim tal-Istati tal-EFTA dwar il-Ħolqien ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-ghajjnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tkun żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

Billi taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-ghajjnuna mill-istat,

Billi, skont il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti li jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsultat lill-Kummissjoni tal-KE fid-9 ta' Settembru 2008,

Billi taħt l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti jipprovdu hekk espressivament jew jekk l-Awtorità tqis li hu meħtieġ,

Filwaqt li tfakkar illi l-Awtorità bl-ittra tad-9 ta' Settembru 2008 stiednet l-Istati tal-EFTA sabiex jippreżentaw il-kummenti dwar is-suġġett u li l-Pajjiżi tal-EFTA ma ressqu l-ebda oġġezzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Filwaqt li tfakkar ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Ghajjnuna mill-Istat adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità ⁽⁴⁾,

Artikolu 1

Il-validità tal-Kapitolu fil-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għall-Bini ta' Vapuri tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2011. Il-paragrafu 31 tal-Linji Gwida għall-Ghajjnuna mill-Istat għall-Bini tal-Vapuri għandu jinqara kif ġej:

"Dan il-Qafas għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Matul dan il-perjodu jista' jiġi rivedut mill-Awtorità."

⁽¹⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

⁽²⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE".

⁽³⁾ Minn hawnhekk 'il quddiem imsejjaħ "l-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".

⁽⁴⁾ Il-Linji Gwida għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994, u fis-Supplimenti taż-ŻEE Nru 32 tat-3.9.1994, p. 1. Il-Linji ta' Gwida ġew emendati l-aħħar fis-16 ta' Lulju 2008. Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Linji Gwida għall-Ghajjnuna mill-Istat". Verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat tinsab fuq is-sit tal-Internet tal-Awtorità: http://www.efasurv.int/fieldsOfWork/fieldstateaid/state_aid_guidelines/

⁽⁵⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni KE".

⁽⁶⁾ ĠU C 173, 8.7.2008, p. 3.

In-nota ta' qiegħ il-paġna 1 tal-Linji Gwida għall-Ġhajjnuna mill-Istat għall-Bini tal-Vapuri għandha tinqara kif ġej:

“Dan il-Kapitolu jikkorrispondi għall-Qafas tal-Komunità dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri (ĠU C 317, 30.12.2003, p. 11), kif emendat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Ottubru 2006 (ĠU C 260, 28.10.2006, p. 7), u fit-8 ta' Lulju 2008 (ĠU C 173, 8.7.2008, p. 3).”

Artikolu 2

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ottubru 2008.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Per SANDERUD
Il-President

Kristján Andri STEFÁNSSON
Membri tal-Kulleġġ
